# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Illum, il-Hamis 4 ta' Jannar 2018**

**Rikors numru 225/17**

**Carmen Spiteri**

**v.**

**Joseph Spiteri**

Preliminari

1. Dan hu provvediment moghti fuq rikors tal-konvenut, prezentat fis-26 ta' Mejju 2017, wara sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Ottubru 2016 li permezz taghha dik il-Qorti ppronunzjat il-firda personali bejn il-partijiet u rregolat l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni, fosthom l-aspett li jirrigwardja l-ghoti tal-manteniment mill-konvenut lill-attrici.

2. Fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ddecidiet dwar il-vertenza tal-manteniment billi ordnat li hadd mill-partijiet m'ghandu jhallas manteniment mid-data tas-sentenza 'l quddiem. Izda fil-parti tal-konsiderazzjonijiet, ordnat li l-konvenut ghandu jhallas l-arretrati tal-manteniment provvizorju bir-rata ta' €140 fix-xahar dovut lill-attrici ghall-perijodu sad-data li fiha nghatat is-sentenza appellata.

3. Fl-appell taghha l-attrici qed tikkontesta, inter alia, dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie deciz li l-konvenut m'ghandux jibqa' jhallas manteniment ghalha. Min-naha tieghu l-konvenut fl-appell incidentali tieghu qed jikkontesta, inter alia, id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kkundannatu jhallas l-arretrati ta' manteniment provvizorju dovuti minnu fil-mori tal-proceduri u li huwa naqas milli jhallas.

<u>Mertu</u>

Permezz tar-rikors odjern il-konvenut qed jitlob l-ezekuzzjoni provvizorja ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li "*l-ebda parti ma hi obbligata thallas manteniment lill-parti l-ohra*". In sostenn tat-talba tieghu huwa jinvoka d-dispozizzjoni tal-Artikolu 266[7] tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili, u jghid li jekk it-talba tieghu ma tigix milqugha huwa ser isofri pregudizzju akbar mill-attrici li ghadha tissokta bil-proceduri kriminali bazati fuq id-dispost tal-Artikolu

338[z] tal-Kodici Kriminali, imressqa fil-konfront tieghu minhabba l-allegat nuqqas tieghu li jhallas il-manteniment provvizorju anke fil-mori ta' dan l-appell, bir-riskju konsegwenzjali li jigi kkundannat piena ta' detenzjoni fuq dawk l-akkuzi. Ghaldaqstant, jissenjala li l-pregudizzju li ser isofri hu f'kaz li t-talba tieghu ma tintlaqax huwa akbar minn dak li ssofri l-attrici bl-esekuzzjoni immedjata ta' din il-parti tas-sentena.

Min-naha taghha l-attrici fl-ewwel lok tikkontendi li dak li qed jitlob il-konvenut huwa improponibbli u huwa kontridattorju in vista tal-fatt li l-konvenut ressaq appell incidentali li jfisser li anke hu "*ma jaqbilx mas-sentenza li issa qed jitlob l-ezekuzzjoni taghha*". Fit-tieni lok, tissenjala diversi allegazzjonijiet li jimmilitaw favur l-attrici u kontra l-konvenut.

Tghid li l-attrici ghandha 57 sena u m'ghandhiex impjieg u tghix fid-dar matrimonjali flimkien mat-tfal tal-partijiet li llum huma maggorenni. Ukoll, filwaqt li tallega li l-konvenut jghix b'xejn fir-residenza tal-konkubina tieghu u mhux qed ihallas is-self li jiggrava fuq id-dar matrimonjali, hi qed thallas il-pagamenti mensili tas-self bl-ghajnuna tal-familja taghha. Issostni li jekk din il-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut, hija tispicca minghajr il-manteniment provvizorju ordnat mill-ewwel Qorti u li hu fl-ammont ta' €140 fix-xahar.

Illi kif jirrizulta mill-verbal registrat fl-udjenza tas-27 ta’ Novembru 2017 il-konvenut rebah somom ta’ flus fix-xhur ta’ Settembru u Ottubru ta’ din is-sena, ammontanti komplessivment ghas-somma ta’ €19,301.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Fl-ewwel lok din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li ma hemm xejn kontradittorju fil-fatt li l-konvenut ressaq appell incidentali li permezz tieghu qed jikkontesta, inter alia, dik il-parti tas-sentenza appellata fejn[1] hu gie ordnat ihallas l-arretrati ta’ manteniment li kienu pendenti fid-data tal-ghoti tas-sentenza. Bl-appell incidentali tieghu l-konvenut mhuwiex qed jikkontesta dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddecidiet li ebda parti mhi obbligata thallas manteniment lill-parti l-ohra anzi qed jitlob li din il-Qorti tikkonferma is-sentenza appellata “*fil-parti fejn cahdet it-talba attrici ghall-manteniment*”.[2] Ghaldaqstant dan l-ilment huwa legalment u fattwalment infondat.

Fit-tieni lok, tenut kont tat-tenwita tar-rata alimentarja mensili ta’ €140 stabbilita provvizorjament mill-ewwel Qorti tul il-proceduri quddiemha u konsidrat ukoll li fix-xahrejn fuq indikati l-konvenut dahhal somma sostanzjali ta’ flus, din il-Qorti ma tarax li c-cahda tat-talba tieghu ghall-ezekuzzjoni provvizorja ta’ dik il-parti tas-sentenza ser tikkrea lill-

[1] Fil-parti tal-konsiderazzjonijet
[2] Risposta u Appell Incidentali tal-konvenut

konvenut pregudizzju akbar minn dak li ser issofri l-attrici jekk din ma tibqax tircevi r-retta alimentari fuq indikata.

Decide

Ghaldaqstant tichad it-talba tal-konvenut, bl-ispejjez kontra tieghu.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb